# Qorti tal-Magistrati
# (Ghawdex)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali .

Magistrat : Dr. Paul Coppini LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Gunju, 2002 .

Kumpilazzjoni Numru : 28/2002 .

L-ufficjal Principali ta' L-immigrazzjoni
(Spettur Sandro Zarb)
(Spettur Maurice Curmi)

VS

**Loffi Ben Mohmoud Boulabiar** ta' 28 sena, ta' nazzjonalita' Tunezina, iben Mahmoud u Jamila, imwieled Menzel Temime fl-20 ta' Mejju, 1974, detentur ta' passaport Numru : L 766777 ;
U
**Nabil Ben Ali Taboubi,** ta' 25 sena, ta' nazzjonalita' Tunezina, iben Ali u Ghalia Zouglimi, imwieled Tunez fit-28 ta' Dicembru, 1976 ta' passaport mhux maghruf.

Il-Qorti ;

Rat l-akkuza li permezz taghha l-imputati msemmija gew akkuzati talli matul il-lejl tal-15 ta' Gunju, 2002 u s-16 ta' Gunju, 2002 f'San Giljan Malta kkommettew serq ta' dghajsa bin-numru tar-registrazzjoni S8331 tal-ghamla Albatros b'mutur tal-ghamla Mariner 9.9hp, a detriment ta' Francesco Zammarelli minn tas-Sliema, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, u bil-hin, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 271, 278, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija xjentement f'Ghawdex laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibighuhom jew imexxuhom, u cioe' ta' dghajsa bin-numru tar-registrazzjoni S8331 tal-ghamla

Albatros b'mutur tal-ghamla Mariner 9.9, a detriment ta' Francesco Zammarelli minn tas-Sliema, ta' valur li ma teccedix l-elf lira Maltin, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta .

Talli matul l-ahhar xhur u gimghat rispettivament, minghajr ma inghataw permess ta' residenza, nizlu l-art jew kienu f'Malta minghajr permess minghand l-ufficjal principali ta' l-Immigrazzjoni ;

Talli fil-lejl tal-15 ta' Gunju, 2002 u s-16 ta' Gunju 2002, f'dawn il-Gzejjer, bhala persuni li nizlu l-art, jew imbarkaw f'Malta, naqsu li jkollhom passaport jew jaghtu lil ufficjal principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-ufficjal principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg .

Ghaldaqstant, il-Qorti hija mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-Ligi tiddikjara lill-imsemmija persuni bhala immigranti pprojbiti u tohrog Ordni ta' Tnehhija kontra taghhom skond l-Artikolu 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Semghet ix-xhieda prodotti .

Semghet lill-istess imputati jammettu l-akkuzi kif dedotti .

Il-Qorti, ghal hekk, in vista ta' din l-ammissjoni, in vista wkoll tal-koperazzjoni illi sabet il-pulizija, f'dan il-kaz mill-istess imputati, tiddeciedi l-kawza billi ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kif dedotti, tikkundannahom ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena .

Tordna wkoll illi l-istess imputati ghandhom jigu dikjarati immigranti pprojbiti, u tohrog ordni ta' tnehhija fil-konfront taghhom a tenur ta' l-artikolu 15 tal-Kapitlu 217 tal-Ligijiet ta' Malta .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
Sk2802(Pc)
456